**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 40 - IT-TLIETA 15 TA' SETTEMBRU 2008 (LAQGĦA B'URĠENZA)**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fid-8:55pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi-Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Salvu Sciberras | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROGRAMM TAL-UE LEADER**

1.1. Is-Sindku infurmat li kellha ssejjaħ din il-laqgħa b'urġenża minħabba li, jekk ikun hemm aktar dewmien biex tittieħed id-deċiżjoni li se tiġi proposta, kien se jintilef iċ-ċans ta' kisba ta' fondi mill-UE. Barra minn hekk ħasset li jkun opportun li, la darba kulħadd kien miġbur għal-laqgħa mal-Onor. Dr Chris Said, din il-laqgħa ssir eżatt wara dik mal-Onor. Said.

1.2. Hija infurmat li kienet iddiskutit ma' Kunsilli Lokali oħra tat-Tramuntata li qablu li jiffurmaw aġenzija biex ikunu jistgħu japplikaw għall-fondi tal-UE taħt il-programm Leader. L-aġenzija trid tkun magħmula kemm mill-Kunsilli Lokali kif ukoll minn organizzazzjonijet mhux governattivi. Hija ħalliet it-tkomplija tal-ispjega f'idejn il-Kunsillier Sciberras minħabba li hu kien jattenda xi lectures dwar is-suġġett.

1.3. Il-Kunsillier Sciberras informa li kien attenda żewġ *lectures* organizzati mill-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent minħabba li dan il-programm huwa parti mill-Politika Agrikola Komuni għall-perijodu 2007-13 tal-UE. Dan il-programm huwa mmirat biss għal-lokalitajiet b'żoni rurali u jkun meħtieġ li ma jkunx hemm inqas minn tmien Kunsilli Lokali b'dawn il-karatteristii u li jridu jkunu jmissu ma' xulxin. Hemm €4m għal tliet reġjuni.

1.4. Irid ikun hemm aġenzija ffurmata b'rappreżentanza ta' 49% mill-Kunsilli Lokali u 51% mis-settur privat. Il-programm għandu jibda minn Ottubru 2008.

1.5. Biex titħaddem din l-aġenzija jrid ikollha l-Kap Eżekuttiv filwaqt li l-ispejjeż inizjali jitħallsu mill-fond li hemm għal dan il-għan.

1.6. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jipparteċipa bis-sħiħ.

1.7. Il-Kunsill qabel ukoll li jislef is-sala biex issir l-ewwel laqgħa nhar it-Tlieta 30 ta' Settembru.

## 2. TMIEM IL-LAQGĦA

2.1. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-9:45pm.

| *(iffirmati)* | *(iffirmati)* |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |